

Brussell, 2 ta' Diċembru 2016
(OR. en)

14752/1/16
REV 1

FISC 204
ECOFIN 1094

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru dok. Cion:	13729/16 FISC 169 - COM(2016) 682 final
Suġġett:	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-bini ta' sistema tat-taxxa korporattiva ġusta, kompetittiva u stabbli għall-UE – Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill = Adozzjoni

1. Fil-25 ta' Ottubru 2016 il-Kummissjoni Ewropea adottat il-pakkett ta' riforma tat-taxxa korporattiva.
2. Il-pakkett huwa magħmul minn komunikazzjoni dwar il-bini ta' sistema tat-taxxa korporattiva ġusta, kompetittiva u stabbli għall-UE u erba' proposti leġislattivi.
3. Il-Komunikazzjoni tippreżenta l-fehmiet tal-Kummissjoni dwar il-prioritajiet tal-UE fit-tassazzjoni, li għandhom jikkonċentraw fuq ħames għanijiet:
 - ir-riforma tat-tassazzjoni korporattiva;
 - aġenda pożittiva li tħares 'il quddiem;
 - ambjent fiskali aħjar u aktar effiċjenti għan-negozji;
 - tassazzjoni aktar ġusta għal kulħadd; u
 - sistema moderna tat-taxxa għal ekonomija b'saħħitha.

4. Il-Komunikazzjoni ġiet diskussa fil-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa u Attachés Fiskali fil-15 u s-16 ta' Novembru 2016 u l-Istati Membri qablu dwar l-abbozz ta' konklużjonijiet meħmuż, li jippreżenta l-fehmiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni. Id-delegazzjoni SE daħħlet riżerva ta' skrutinju Parlamentari dwar l-abbozz ta' Konklużjonijiet. Minn dakinhar 'l hawn din ir-riżerva tneħħiet.
 5. F'dan l-isfond, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta l-abbozz ta' konklużjonijiet, kif jinsab fl-Anness, bħala punt "A".
-

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Ottubru 2016 dwar il-bini ta' sistema ta' taxxa korporattiva ġusta, kompetittiva u stabbli għall-UE

Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill

Il-Kunsill:

1. JILQA' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Ottubru 2016¹ dwar il-bini ta' sistema ta' taxxa korporattiva ġusta, kompetittiva u stabbli għall-UE (dok. 13729/16) u proposti legiſlattivi relatati;
2. IFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-18 ta' Diċembru 2014 li jiddikjaraw il-hteġa urġenti li jsir progress fl-isforzi għall-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, kemm fuq livell globali kif ukoll fuq dak tal-UE u JTENNI l-impenn tiegħu lejn il-prinċipji tat-tassazzjoni internazzjonali;
3. IFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu dwar l-Erożjoni tal-Bażi u t-Trasferiment tal-Profit (BEPS), adottati fit-8 ta' Deċembru 2015 (dok. 15150/15) u dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Lulju 2016 dwar miżuri ulterjuri biex jittejbu t-trasparenza u l-ġlieda kontra l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa tal-11 ta' Ottubru 2016 (dok. 13139/16);
4. JAGĦRAF l-aħħar kisbiet importanti fil-qasam tat-tassazzjoni korporattiva fl-Unjoni u b'mod partikolari l-legiſlazzjoni maħsuba biex iżżid it-trasparenza tat-taxxa u tiżgura li l-kumpanniji li joperaw fl-Unjoni Ewropea jgħallu t-taxxi fejn isiru profitti;

¹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2016 dwar il-bini ta' sistema ta' taxxa korporattiva ġusta, kompetittiva u stabbli għall-UE (dok. 13729/16).

5. ITENNI l-importanza li nkomplu nippromwovu l-governanza tajba tat-taxxa fir-relazzjonijiet tal-UE mas-sħab internazzjonali biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ugwali effettivi bejn l-Istati Membri tal-UE u Stati terzi;
6. JAPPROVA l-fehma li l-ambjent fiskali tal-UE jista' jgawdi minn qafas progressiv għal tassazzjoni korporattiva effiċjenti li tgħin it-tkabbir, ġusta u effettiva fit-trattament tal-prattika ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa, mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri f'dawn l-affarijiet;
7. JISSOTTOLINJA l-importanza li jkun hemm regoli tat-taxxa korporattiva li joffru stabbiltà, ċertezza legali u simplifikazzjoni amministrattiva lil kumpanniji kbar kif ukoll intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u, fid-dawl ta' dan, JILQA' aktar diskussjoni dwar il-proposta għal Bażi Komuni tat-Taxxa Korporattiva (BKTK) u dwar Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva (BKGTK);
8. JINNOTA l-approċċ ta' żewġ fażijiet propost mill-Kummissjoni b'rabta mal-proposti għal Bażi Komuni tat-Taxxa Korporattiva (BKTK) u dwar Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva (BKGTK) u JAPPOĠĠA l-fehma li l-ħidma għandha tikkonċentra bħala prijetà fuq l-elementi ta' bażi tat-taxxa komuni;
9. JIEĦU NOTA tal-inċentivi għar-riċerka u l-iżvilupp, u l-innovazzjoni kif ukoll inċentivi għall-investiment fuq livell tal-UE proposti mill-Kummissjoni u JISTIEDEN lill-Istati Membri jissoktaw bid-diskussjoni dwar l-evalwazzjoni tal-ħtieġa u l-valur miżjud tal-elementi proposti għal din il-kwistjoni;
10. JAQBEL li r-regoli internazzjonali tat-taxxa li hemm bħalissa, f'ċerti każijiet, jistgħu jwasslu għal tassazzjoni doppja u nontassazzjoni doppja li għandhom jiġu eliminati permezz ta' miżuri koordinati tal-UE u JAGĦRAF li hemm ħtieġa li jiġu analizzati l-mekkaniżmi eżistenti ta' sejbien ta' soluzzjoni għat-tilwim biex tiżdied iċ-ċertezza fiskali għan-negozju fl-UE;

11. Għaldaqstant JISTENNA BIL-ĦERQA l-eżaminazzjoni tal-proposta għal Mekkaniżmu ta' Soluzzjoni għat-Tilwim tat-Tassazzjoni Doppja fl-Unjoni Ewropea għan-negozji l-UE;
12. JINNOTA l-iskeda ambizzjuża proposta mill-Kummissjoni fil-proposti dwar il-BKTK, il-BKKTK u l-Mekkaniżmi għas-Soluzzjoni tat-Tilwim dwar it-Tassazzjoni Doppja, u JAPPELLA biex isir progress mill-aktar fis fuq l-analiżi ta' dawn il-fajls legiſlattivi;
13. JISTIEDEN lill-Presidenzi li jmiss jippjanaw ix-xogħol fuq il-proposti tal-BKTK u l-BKKTK fuq il-linja ta' dan li ġej:
 - (a) Bħala bidu, l-Istati Membri għandhom jikkonċentraw l-isforzi tagħhom fuq ir-regoli għall-kalkoli tal-bażi tat-taxxa u, b'mod partikolari, fuq l-elementi l-ġodda tal-inizjattiva mnedija mill-ġdid (kapitoli I sa V);
 - (b) L-Istati Membri għandhom imbagħad jikkonċentraw fuq l-elementi li fadal tal-bażi komuni (kapitoli VI sa XI), jiġifieri: i) dawk li diġà ġew diskussi b'mod estensiv fil-proposta tal-2011 għal BKKTK, u ii) dawk li huma inklużi fid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 tat-12 ta' Lulju 2016 adottata dan l-aħħar li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern;
 - (c) Il-konsolidazzjoni tat-taxxa għandha tiġi eżaminata mingħajr dewmien ladarba d-diskussjoni dwar dawn l-elementi tkun ġiet konkluża b'suċċess;
14. IFAKKAR fl-istqarrija tiegħu dwar id-diskrepanzi ibridi fil-laqgħa tal-Kunsill (ECOFIN) fit-12 ta' Lulju 2016, u b'hekk JILQA' l-proposta li temenda d-Direttiva (EU) 2016/1164 fir-rigward tad-diskrepanzi ibridi ma' pajjiżi terzi;
15. JAGĦRAF li dawn l-inizjattivi jistgħu jikkontribwixxu biex jibnu sistema tat-taxxa korporattiva ġusta, kompetittiva u stabbli għall-UE.